# MELLIEHA SCFN

www.melliehascfootballnursery.org



## 7th Annual Edition

# 2016/2017



POPEYE VILLAGE
PLAYPOOL
BOAT TRIPS
MUSEUM
ACTIVITIES & GAMES
WATER TRAMPOLINES, POOLS & BEACH AREA
ANIMATION SHOWS
FREE
Wi Fi
ALL ROUND THE COMPLEX
Bus number 101 from Mellieħa Bay
2152 4782/3/4 | info@popeyemalta.com | www.popeyemalta.com
popeyevillagemalta

## Mellieħa SC Football Nursery

Mellieħa Sports Complex
Triq Vincenzo Ciappara
Il-Mellieħa MLH 1760

*Tel:* (+356)2152 5845 *(Nursery Office)*
(+356)2152 3583 *(Sports Club)*

*Web:* www.melliehascfn.org
*E-mail:* melliehascfootballnursery@gmail.com
www.facebook.com/melliehanursery

Editur
**John Buttigieg**

Ġbir tar-Reklami
**Jeremy Sammut, John Buttigieg**

Provi tal-Qari
**John Mary Muscat**

Ritratti
**Stephen Gatt,
Jane Farrugia, Stephen Borg**

Issetjat u Stampat
**A&M Printing - 2155 3217**

**© MELLIEĦA SC FOOTBALL NURSERY - 2017**

# *Werrej*

| | |
|---|---|
| Messaġġ miċ-*Chairman* | 3 |
| Il-Kumitat tan-*Nursery* | 4 |
| Kelmtejn minn Fr Hilary | 5 |
| Messaġġ mill-*Head Coach* | 7 |
| It-Timijiet tal-U/6 u tal-U/7 | 8 |
| It-Timijiet tal-U/8 u tal-U/9/10 | 9 |
| It-Timijiet tal-U/11 u tal-U/12 | 10 |
| It-Timijiet tal-U/13 u tal-U/15 | 11 |
| It-Tim tal-U/17 | 12 |
| Joelan Memorial 2017 | 13 |
| 30º Trofeo Mediterraneo | 14-15 |
| Plajers tat-Timijiet – U/6 | 16 |
| Plajers tat-Timijiet – U/7 | 17 |
| Plajers tat-Timijiet – U/8 | 18 |
| Plajers tat-Timijiet – U/10 | 19-20 |
| Plajers tat-Timijiet – U/11 | 21-22 |
| Plajers tat-Timijiet – U/12 | 23 |
| Plajers tat-Timijiet – U/13 | 24 |
| Tislima lil Sunny Abela | 25 |
| Mellieha Nursery Season 2016/17 | 26-27 |
| L-avventura tagħna fis-Summer Camp tal-AFC Ajax | 28-29 |
| Intervista ma' Mattei Vella u Kyle Bonanno | 31 |
| Jonathan Abela Memorial | 33-35 |
| Gozo Football Seminar | 38-39 |
| Riżultati tal-APS Bank League U/15 | 40-41 |
| Riżultati tal-APS Bank League U/17 | 42-43 |
| Best Players | 44-45 |
| Penalty Shoot Out 2017 | 48-49 |
| Għeluq tal-Istaġun 2015/16 | 50-51 |




B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
SLOW
50
STOP
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt

# Messaġġ miċ-Ċerman



F'din is-seba' edizzjoni tal-magazine annwali tan-Nursery tal-Mellieħa, qegħdin naghtu ġabra fil-qosor tal-attivitajiet prinċipali li n-Nursery kellha matul dan l-istaġun. Fl-artiklu tal-Headcoach hemm rendikont dwar l-andament tan-Nursery mil-lat ta' sessjonijiet ta' taħriġ, Fun Festivals u anke partecipazzjoni fl-attivitajiet u kompetizzjonijiet tal-Youth Football Association, għaldaqstant mhux se nkun qiegħed nittratta dawn il-punti.

Din is-sena wkoll erġajna ħabbatna wiċċna mal-problema ta' nuqqas ta' kowċis u għaldaqstant kellna nagħmlu użu minn kowċis f'aktar minn grupp wieħed. Mhix xi ħaġa ideali, biss la kellna din il-problema ridna naraw kif se nsolvuha. Hawnhekk irrid nirringrazzja lill-kowċis kollha li kienu mpenjati magħna f'dan l-istaġun.

Inħoss li f'dan il-messaġġ irrid nikkummenta fuq l-atteggjament ta' xi ġenituri. Xi ħaga li tinkwetani. Il-ġenituri jridu joqogħdu attenti sa fejn jasal ir-rwol tagħhom u ma għandhom qatt jippretendu li dak li forsi ma rnexxielhomx jagħmlu huma fil-ħajja, se jaghmlu binhom ta' dik l-eta'. Huwa tajjeb li l-ġenituri jakkumpanjaw lil uliedhom kull fejn imorru jilagħbu u jsegwuhom waqt it-taħriġ, iżda jagħmlu ferm aħjar jekk jissapportjaw lill-grupp kollu u mhux lil binhom biss. Il-ġenituri ma għandhom qatt jikkritikaw lill-kowċ quddiem uliedhom, anke jekk jaħsbu li għandhom raġun, għax hekk ikunu qegħdin itellfu l-fiduċja ta' uliedhom stess fil-kowc tagħhom. Hija nuqqas ta' etika kbira li ġenitur jgħajjat, jirrabja, jgħajjar u jmaqdar lir-referee, lill-kowċ eċċ, għax barra n-nuqqas ta' edukazzjoni ikun qieghed jimbarazza lil ibnu stess, kif ukoll inaqqas ir-reputazzjoni tan-Nursery li ibnu/bintu jkun jagħmel parti minnha. In-Nursery tagħna taċċetta lit-itfal bl-abbiltajiet li huma għandhom u l-kowċ jagħmel ħiltu kollha biex kull tifel/tifla li għandu fil-grupp tiegħu jitgħallmu xi ħaġa. Dament li t-tifel/tifla jigi u jagħmel ħiltu u joqgħod attent biex jitgħallem xi ħaġa, anke jekk forsi m'għandux abbiltajiet teknici tajbin, ma jimpurtax, biss mhux sew li tfal li forsi jkunu qegħdin jattendu n-Nursery mhux b'daqstant ħeġġa u ħerqa, itellfu lill-kumplament tal-grupp. U din il-ħaġa, il-ġenituri hemm bżonn li jfehmuha lil uliedhom.

Kelma żgħira lill-kowċis: Intom għandkom toqogħdu attenti x'lingwaġġ tużaw quddiem it-tfal, evitaw korla żejda u argumenti mar-referee jew mal-ġenituri. Intom tridu tifhmu li qegħdin hemm għat-tfal, u mhux it-tfal qegħdin għalikom. Jekk intom tkunu għat-tfal, dawn iħobbukom u jirrispettawkom daqs li kieku kontu l-genituri tagħhom, u meta jmorru d-dar jaqsmu mal-genituri l-esperjenzi sbieħ li toffrilhom l-logħba tal-ballun. Meta tinzamm din l-atmosfera, intom tistgħu sserħu raskom li x-xogħol tagħkom qiegħed jiġi apprezzat, barra li qiegħed iħalli l-frott mixtieq.

Nixtieq hawnhekk ukoll insellem u nirringrazzja lil dawk kollha li tul is-snin li ilha mwaqqfa n-Nursery tagħna, taw xi forma ta' kontribut jew għajnuna, kemm mil-lat tekniku, kif ukoll mil-lat amministrattiv. Xieraq hawnhekk insellem il-memorja ta' Sunny Abela, wieħed mill-ewwel kowċis li kellna fin-Nursery, li l-Mulej għogbu jsejjaħlu għal għandu, ftit tax-xhur ilu. Il-kontribut ta' Sunny lejn in-Nursery kien wieħed kbir, specjalment fl-ewwel snin mit-twaqqif tan-Nursery. Kien kowċ dedikat u rrispettat minn dawk kollha li kien jieħu ħsieb. Il-Mulej isabbar lill-familja tiegħu f'dawn il-mumenti diffiċli.

Dan huwa l-aħħar messaġġ tiegħi bħala Ċerman tan-Nursery. Wara li ilni għal dawn l-aħħar 28 sena naghti l-kontribut tiegħi fin-Nursery, inħoss li wasal iż-żmien li ngħaddi t-treġija tan-Nursery f'idejn ħaddieħor. Kienu snin li lili tawni ħafna sodisfazzjon u nħossni kburi li kont nagħmel parti minn din il-familja hekk kbira. Minkejja l-impenji l-oħra li għandi fil-ħajja pubblika, dejjem tajt il-massimu tiegħi u rajt li l-ħidma tan-Nursery ma tmurx lura. U dan grazzi għal għajnuna li dejjem sibt.

Huwa xieraq li f'dan l-aħħar messaġġ nagħmel xi ringrazzjamenti. L-ewwelnett nirringrazzja lill-President tal-Mellieha Sports Club is-sur Alfred Vella Borg u l-kumitat, li għal dawn l-aħħar disa' snin għogobhom juru l-fiduċja tagħhom fija bħala Ċerman tan-Nursery, lill-predisuċċessur tiegħi s-sur Alfred Bartolo għall-għajnuna u l-pariri li dejjem tani meta ltqajt ma' xi diffikulta, lill-membri kollha li servew fil-kumitat miegħi, lill-Headcoaches u Coaches li ħadmu miegħi tul dawn is-snin u fl-aħħarnett lilkom il-genituri tal-għajnuna tagħkom.

Jiena nawgura kull suċċess lil dik il-persuna li se tkun qegħda tieħu posti, u persważ li se tkun qegħda tagħmel ħilitha hija ukoll biex n-Nursery tal-Mellieħa tkompli tgawdi l-isem tant tajjeb li hija għandha. L-għajnuna tiegħi fejn ikun hemm bżonn mhux se tonqos.

Grazzi u tislijiet.

*John Buttigieg*

# Mellieħa SC Football Nursery

*Honorary Chairman* - Alfred Bartolo

## ADMINISTRATIVE COMMITTEE

*Chairman & Administrator* - John Buttigieg

*General Secretary* - Stephen Borg

*Parent Club Representative* - Steve Mifsud

*Cashier & Activities Coordinator* - Miriam Abela

*Asst. Activities Coordinator* - Jeremy Sammut

*Kit & Equipment Manager* - Joseph Vella

*Asst Kit & Equipment Manager* - James Grima





## SFIDA TA' KULL NURSERY

Inħossni kuntent li nista' għal darb'oħra nibgħat il-messaġġ tiegħi lin-Nursery tal-Mellieħa. Għalkemm ma tarawnix 'l hemmhekk, imma naf bix-xogħol kbir li qed isir, bil-passjoni tal-membri tal-Kumitat u tal-kowċis u bl-interess kbir li hemm fit-tfal Melliħin lejn il-logħba tal-futbol.

Il-Youth FA qed tinkoraġġixxi lil dawk in-nurseries li jixtiequ jgħollu l-livell tagħhom, mhux biss tekniku imma edukattiv ukoll, għaliex qatt ma nistgħu nwarrbu minn quddiem għajnejna l-iskop prinċipali tan-Nurseries li jkun post fir-raħal fejn tingħata edukazzjoni sħiħa u ħolistika lit-tfal waqt li qed tiżviluppa t-talenti tal-futbol. Din hi l-akbar sfida li kull nursery għandu jkollha u jiena konvint li l-Mellieħa qed jagħmlu minn kollox biex dan l-għan iwettquh.

Meta t-tfal jikbru u jsiru rġiel u nisa ta'għada mhux se jibqgħu jiftakru l-logħbiet kollha li rebħu jew tilfu, imma żgur se jiftakru kemm kienu jieħdu pjaċir jiltaqgħu mal-ħbieb tagħhom u jilagħbu flimkien.

Nawguralkom li żżommu għoljin dawn l-idejali u ma taqtgħu qalbkom qatt quddiem id-diffikultajiet li tistgħu tiltaqgħu magħhom.

Fr Hilary


munchies
mellieha bay
marfa road mellieha bay mlh9065
mob : 99576417 / tel : 21576416
www.munchies.com.mt



# Messaġġ

**Alex DeLia**
*Head Coach*
*Director of Youth Coaching*

Staġun ieħor wasal biex jintemm u bħal dejjem wieħed idur dawra madwaru biex jislet konklużjonijiet li jwasslu biex l-affarijiet fil-futur isiru dejjem aħjar. Kien staġun ieħor mimli daqs bajda li ħalliena bla nifs. Kif jaf kulħadd it-taħriġ tat-tfal bejn it-tmienja u t-tlettax -il-sena żdied b'sessjoni oħra fil-ġimgħa. Saru football festivals għal kull età fejn nurseries oħrajn ġew mistiedna jipparteċipaw f'nofs ta' nhari sħaħ ta' football f'xi Ħdud matul l-istaġun. Ġew organizzati attivitajiet u *tournaments* fosthom Fun Day, Penalty Shootout u l-Jonathan Abela Tournament. It-timijiet ewlenin tal-U15 u l-U17 bħas-soltu kienu nvoluti fil-kampjonati rispettivi tagħhom organizzati mill-Malta Youth FA. Filwaqt li kien mistenni aktar mit-timijiet tagħna dan l-istaġun, kellna nikkuntentaw b'pożizzjoni f'nofs il-klassifika għaż-żewġ timijiet. Wara l-prestazzjonijiet tal-istaġun li għadda, dan jista jitqies bħala pass lura. Diżappuntat ħafna bl-imġieba u bin-nuqqas ta' *commitment* min-naħa tal-plejers ta' l-U17 fejn ħafna drabi plejers li jmisshom jafu aħjar ġew jaqgħu u jqumu mit-*team*. Dan in-nuqqas sewa qares lit-*team* li tilef punti kawża tan-nuqqas ta' mpenn u serjetà.

Għalhekk wieħed jara kemm hu mportanti dak li dejjem nisħaq fuqu jien, li fil-kowċing hemm bżonn li jiġi ndukrat l-atteġġjament qabel kull aspett ieħor. Mingħajr attegjament ġust u t-taħriġ neċessarju l-ebda ndividwu ma jista' jasal biex jilgħab din il-logħba fl-għola livell possibbli. Apparti d-dmirijiet tiegħi bħala *head coach* tan-nursery, f'nofs Frar ġejt afdat ukoll bit-tmexxija taż-żewġ timijiet ewlenin tal-Mellieħa SC, it-team tal-kbar kif ukoll it-team tal-U19. Fiċ-ċirkostanzi dizastruzi ta' klassifika li fihom kien jinsab it-*team* ewlieni tal-klabb fejn minn 18 il-logħba kellu biss 12 il-punt kien jidher diffiċli u tard biex wieħed jirnexxilu jbiddel ir-rotta u jeħles minn possibilità ta' relegazzjoni. Minkejja l-ftit żmien u partiti għad-dispożizzjoni, din l-isfida lqajta u għamilt ħilti kollha biex flimkien mad-diriġenti nsalvaw l-istatus tagħna. Minkejja l-isforzi kollha u l-punti miġbura fl-aħħar tmien logħbiet (kważi daqs kemm inġabru punti fl-ewwel tmintax il-logħba), ma rnexxilniex u sfajna relegati.

Nixtieq nagħlaq b'appell lil kull Mellieħi u Melleħija ta' rieda tajba. Ejja flimkien naħdmu biex titneħħa l-apatija kbira li teżisti u aktar nies imiddu jdejhom ħalli dan il-*club* jimxi 'l quddiem. It-triq tar-ritorn lejn ir-rispett li dan ir-raħal, li sar parti minni, jixraqlu hija iebsa. Imma b'xogħol serju u metikoluż, u mpenn mingħand kulħadd, nemmen li dan ir-ritorn jista jseħħ f'inqas żmien milli wieħed jista' jaħseb. Filwaqt li nselli għal kulħadd u nirringrazzjakom tal-appoġġ tagħkom, ejja lkoll flimkien inkomplu naħdmu ħalli dan ir-raħal u uliedkom ikollom il-*club* u n-*nursery* li lkoll kemm aħna jixirqilna.




***Back Row (L to R)*** : Cutajar David *(Coach)*, Vella Caruana Daniel, Falzon Cutajar Tristiano, Bellizzi Heather, Sciberras Axel, Hill Olly, Borg Nico, Contini Riccardo *(Coach)*.
***Front Row (L to R)***: Bonnici Adam, Vella Gianluka, Borg Ivy, Pace Debono James, Borg Zack, Vella Caruana Alex, Abela Liam.




***Standing (L to R)*** :Vella David *(Coach)* ,Aquilina Vella Ben, Micallef  Calvin, Amato Andrea, Vassallo Alexander, Camilleri Noah, Buttigieg Haiden, Tomic Nemad *( Coach)*.
***Squatting:(L to R):*** Farrugia Rohan, Zerafa Cole, Vella Luigi, Vella Francesco , Pendry Leyton.




***Standing (L to R):*** Micallef Jeremy *(Coach)*, Bellizzi Craig, Jouini Adel, Garaventa Gabriele, Corby Benjamin, Zammit Jake .
***Squatting (L to R):*** Zammit Sebastian, Borg Luca, Vella Jake, Tonna Aiden, Micallef Francois, Gabriele Jack, Muscat Anthony.




***Standing (L to R):*** Micallef Luke *(Coach)*, Scerri Matthias, Incorvaja Daniel, Genocchio Davide, Mangion Nikolai, Vella Kyle, Scerri Matthew, Grima James *(Coach)*.
***Squatting (L to R):*** Grima Ilian, Micallef Matthew, Gauci Ryan, Bartolo Jake, Grima Justin, Vella Luca, Grima Neil.




***Standing (L to R):*** Borg Stephen *(Coach)*, Azzopardi De-Jean, Fenech Jacques, Vella Warren, Vella Nathan, Buhagiar Andrea, Cutajar Daniel, Bongailas Damien, Sant Liam, Petersons Daniel, Bongailas Alexander, Bugejic Vladimir.
***Squatting (L to R):*** Micallef Hayden, Mohammed Lydon Jake, Cutajar Dejan, Gauci Nigel, Raywood Jake, Krooschof Sebastian, Debono Nikolay, Jalloh Jamile, Tanti Ben, Borg Cody.




***Standing (L to R ):*** Tomic Nemad *(Coach)*, Cassar Miguel, Vella Warren , Sammut Samuel, Cutajar Reece, Attard Shawn, Petersons Daniel, Debono Lucas,
***Squatting (L to R):*** Louati Amis, Louati Amin, Mizzi Giles, Guaci Cole, Pektas Julian, Guaci Brooklyn, Muscat Jean Paul.




***Standing (L to R):*** Ribic Aleks (Coach), Daif Aquilina Ismail, Zerafa Luca, Balzan Hatem, Scerri Daniel, Abela Jack,
*Squatting (L to R):* Cauchi Luke, Camilleri Nathan, Abela Zach, Cilia Craig, Muscat Luke, Gauci Nathan.




***Standing (L to R)*** :Micallef Daniel, Galea Jack, Mifsud Luke, Galea Curmi Gianni, Gauci Jamie, Cutajar Mark, Camilleri Miguel, Vella Thomas, Zammit Mangion Michael, Grima James *(Coach)*
***Squatting (L to R):*** Ellul Justin, Vella Daniel, Mizzi Jordi, Muscat Keene, Vassallo Mark, Brincat Stellini Luke, Farrugia Marc, Mifsud Miguel.




***Standing (L to R):*** Delia Alex *(Headcoach)*, Galea Curmi Beppe, Mari Matias, Said Malcolm, Xuereb Deacon, Balzan Isaac, Dingli Giovanni, Tonna Ryan, Vella Ray *(Coach)*, Borg Stephen *(Secretary)*.

***Squatting (L to R):*** Vella Mattei, Vella Neil, Sammut Andie, Attard Mark, Sammut Stevie, Cutajar Andre, Conti Gianluca.






## Mellieħa U/11 jirbħu tournament fl-Imġarr

Nhar is-Sibt 15 ta' April 2017 it-tim tal-Under 11, immexxi mill-kowċ Stephen Borg, assistit mill-Headcoach Alex Delia, ħa sehem fil-Joelan Vella Memorial, organizzat minn *Nursery* tal-Imġarr. It-tim tagħna rnexxielu jirbaħ dan it-tournament.
Ħadu sehem ukoll it-timijiet tal-Imġarr, Siġġiewi u Rabat.



# 30° Trofeo Mediterraneo







Ftit jiem qabel ma bdejna dan l-istaġun, it-tim tal-Under 17's ħa sehem fit-turnament 30˚ Trofeo Mediterraneo, li sar f'Lloret De Mar ġewwa Spanja, bejn it-2 ta' Lulju u t-8 ta' Lulju 2016. Hawnhekk it-tim tagħna lagħab kontra erba' timijiet Spanjoli u kellu dawn ir-riżultati:

| | |
|---|---|
| vs Pineda De Mar C.F. | (4 – 2) |
| vs Seleccio Del Maresme | (0 – 1) |
| vs Calella Utd | (1 – 4) |
| Vs Cul Y Dep. Leonesa Sad | (0 – 6) |

Il-logħob kollu sar fil-grawnd tal-Lloret Municipal, grawnd b'faċilitajiet tajbin ħafna. Waqt din il-mawra t-tim għamel żjara kulturali fil-belt ta' Barcelona, fejn fost il-postijiet li żorna kien hemm il-grawnd ta' Barcelona u l-mużew tal-stess klabb.

Kienet żjara li l-plejers kollha ħadu gost biha u li żgur se jibqgħu jiftakru.















# Season 2016 - 2017
# Under 6


Adam Bonnici


Ivy Borg


Olly Hill


Nico Borg


Liam Abela


Axel Sciberras


Gianluka Vella


Alex
Vella Caruana


Heather Bellizzi


Zack Borg


Tristiano
Falzon Cutajar


James
Pace Debono


Daniel
Vella Caruana


Ricardo Contini
Coach


David Cutajar
Helper

MELLIEHA SPORTS CLUB
FOOTBALL NURSERY
1990

# Season 2016 - 2017
# Under 7


Janis Gauci


Giovanni Gatt Bonanno


Francesco Vella


Leyton Pendry


Haiden J. Buttigieg


Alexander Vassallo


Ben Aquilina Vella


Cole Zerafa


Luigi Vella


Colin Micallef


Rohan J. Farrugia


Andrea Amato


Noah Camilleri


Nenad Tomic
Coach


David Vella
Coach

# Season 2016 - 2017
# Under 8


Luca Borg


Francois Micallef


Jake Vella


Benjamin Corby


Jack Gabriele


Aidan Tonna


Jake Zammit


Gabriele Garventa


Anthony Muscat


Craig Bellizzi


Adel Jouini


Sebastian Zammit


Matias Portelli


Didier Farrugia


Jeremy Micallef
Coach

# Season 2016 - 2017
# Under 10


Matthias Scerri


Matthew Micallef


Davide Genocchio


Daniel Incorvaja


Ryan Gauci


Ilian Grima


Luca Vella


Neil Grima


epc

MULTINET Since 1995



**MELLIEHA COMPUTER CENTER**

**Shop opening hours:**
Monday to Friday: 08:30 – 19:00
Saturdays: 09:00– 13:00pm

ASUS Logitech intel sage SAMSUNG Canon Acronis hp packard bell FUJITSU DELL TOSHIBA Leading Innovation acer SONY BenQ CREATIVE symantec. AVG

Onsite and workshop repairs on all brands

BUY ONLINE! Microsoft CERTIFIED Professional

• Printer cartridges & toners • CCTV and Hall Porters equipment and installation
• Sales of computers, laptops, tablets, netbooks & accessories • Tailor-made PCs

Multi-Net Co.Ltd.: 26 Triq Sant Elena, Mellieha MLH1012
T: 21525280 M: 79043333 W: www.epc.com.mt E: sales@epc.com.mt

# Season 2016 - 2017
# Under 10


Jake Bartolo


Justin Grima


Kyle Vella


Nikolay Mangion


Matthew Scerri


Francesco
Gatt Bonanno


Jake Portelli


Sam Ryder


Julian Vassallo


James Grima
Asst. Coach


Luke Micallef
Coach

# Season 2016 - 2017
# Under 11



Lydon Jake Mohamed



Nigel Gauci



Daniel Cutajar



Jacques Fenech



Damian Bongailas



Liam Sant



Andrea Buhagiar



Nathan Vella



De'Jean Azzopardi



Cody Borg



Jake Raywood



Dejan Cutajar

# Season 2016 - 2017
# Under 11


Alex Bongailas


Jamile Jalloh


Sebastian Krooshof


Ben Tanti


Nikolay Debono


Hayden Micallef


Vladimir Buljugić
Asst. Coach


Stephen Borg
Coach


MT SERVICE STATION
OPERATED BY SERVICES LIMITED

CAR SERVICE & REPAIRS. Mechanic available Mon-Sat
TYRE SERVICING & BALANCING @ competitive prices
SCRATCHLESS CAR WASH 24/7
We do POLISH & VALETING
If not satisfied don't pay.

Mellieħa ByPass, Mellieħa
**2752 5200**
E: mtservicesmalta@gmail.com M: info@gobunker.com




# Season 2016 - 2017
# Under 12



Shaun Attard



Samuel Sammut



Miguel Cassar



Giles Mizzi



Amis Louati



Warren Vella



Daniel Petersons



Julian Pektas



Cole Gauci



Shawn Attard



Lucas Debono



Reece Cutajar



Brooklyn Gauci



Amin Louati



Nenad Tomic
Coach

# Season 2016 - 2017
# Under 13


Miguel Cauchi


Luke Cauchi


Ismail Daif Aquilina


Zach Abela


Hatem Balzan


Nathan Camilleri


Craig Cilia


Luke Muscat


Daniel Scerri


Jack Abela


Nathan Gauci


Luca Zerafa


Aleks Ribic
Coach

# TISLIMA LIL SUNNY ABELA



*End of Season 1996 – Sunny Abela (xellug) jirċievi tifkira tal-okkażjoni mingħand il-Head Coach is-Sur Gaetano Buttigieg*

Meta, bħal sajjetta fil-bnazzi, ġriet l-aħbar li wieħed mill-familja tal-Mellieħa Sports' Club kien ħalliena donnu ħadd ma seta' jemmen kif lil Sunny ma konniex se narawh iżjed, meta ġurnata qabel kien hemm fostna jiċċaċċra u jiċċajta ma' kulħadd. Kienet verament ħasda kbira għal kull min jiffrekwenta l-Isports Club, għax lil Sunny kont issibu dejjem hemm; jew mal-players jew ma' tal-kumitat jew ma' tal-billiard jew mal-membri. Sunny kien jaf imur ma' kulħadd; kellu ċerta kariżma kif jiġbed in-nies lejh.

Lil Sunny jien sirt nafu minn meta kien għadu l-iskola primarja fejn ġa wera l-abbiltà intelletwali tiegħu għax kien jispikka fost sħabu f'kull klassi li kien. Kien tifel li jaf jaħseb b'moħħu u mhux b'moħħ ħaddieħor, barra milli kien kapaċi jieħu deċiżjoni bil-kwiet u l-kalma. Meta l-Isports Club ħa sehem għall-ewwel darba f'league tal-Under 16 organizzat mid-distrett li l-Mellieħa kienet tagħmel parti minnu, Sunny kien wieħed mill-membri ta' dan it-team li jien kont nikkowċja. Għalkemm ma kellux post regulari fit-tim għax kien l-iżgħar player fl-iskwadra, xorta kien jattendi regolarment għat-taħriġ kif ukoll għal-logħob. Dejjem ħadem biex itejjeb il-kwalitajiet tekniċi li kellu. Id-delizzju kbir li kellu, id-determinazzjoni u d-dedikazzjoni tiegħu wassluh biex anke jilgħab fis-senior tim.

Meta fl-1990 twaqqfet il-Mellieħa Sports' Club Football Nursery, li tagħha jien kont chairman, tlabt lil Sunny biex jagħti daqqa ta' id fil-coaching li aċċetta bil-qalb fejn ta' sehem kbir fl-iżvilupp tat-tfal fdati f'idejh. Il-players kienu jirrespettawh u jħobbuh ħafna għax kien jaf jinżel għal-livell tagħhom, jispjega tajjeb u bil-kalma. Sunny ma kienx coach biss iżda kien ukoll ħabib tat-tfal u hekk it- tfal kienu jħossuhom komdi sew waqt it-taħriġ kif ukoll waqt il-logħob kompetittiv.

Meta waqaf mill-coaching daħal fl-amministrazzjoni tal-club fejn sar segretarju, kariga li baqa' jżomm sa ma l-Mulej għoġbu jsejjaħlu. Huwa kien l-id il-leminija tal- president, is-Sur Alfred Vella Borg li t-tnejn flimkien ħadmu bla heda biex jaraw sew it-team kif ukoll il-club jimxu 'l quddiem.

Sunny kellu sens kbir ta' organizzazzjoni, fejn meta jorganizza xi ħaġa, sew jekk tournament tal-football, tal-bixkla, tal-billiard u logħob ieħor rari kien ifalli għax kien kapaċi jara minn qabel xi jkun jinħtieġ u kif se jitmexxa. Jekk jinqala' xi ntopp matul il-programm kien kapaċi jbiddel u jsolvi l-problemi li jinqalgħu mingħajr tferfix jew paniku.

Attribut ieħor li kien imżejjen bih Sunny kien, bla dubju, il-pożittività li kellu. Sunny kellu d-don li ma jħarisx lejn in-nofs il-vojt tat-tazza iżda lejn dak mimli u hekk itella' l-moral ta' dawk ta' madwaru kif ukoll ta' dawk li jkun qiegħed jaħdem magħhom. Hu kien kapaċi li problema ma jħallihiex tidher li hi daqshekk kbira jew daqstant diffiċli iżda bil-kalma u ntelliġenza jagħraf joħroġ mis-sitwazzjoni b'riżultat pożittiv u hekk iserraħ moħħ dawk li forsi jkunu jaħbtu jaqtgħu qalbhom.

Bla dubju Sunny ħalla vojt kbir mhux biss fid-dar fejn hemm martu u wliedu iżda wkoll fit-tieni dar tiegħu, il-Mellieħa Sports' Club. Bla ebda dubju n-nuqqas tiegħu ser jibqa' jinħass għal bosta snin. J'Alla l-Mulej jagħtih il-premju tal-ġid li wettaq mas-soċjetà sportiva Melleħija u tal-imħabba li kellu għall-familja li ħalla warajh qasir il-għomor.

Saħħa u grazzi ħabib ta' kull ma għamilt għall-ġid tas-soċjetà li tant kellek għal qalbek. Il-Mulej jagħtik il-mistrieħ ta dejjem.

***Alfred Bartolo***
Ex-Chairman tal-Mellieħa SC Football Nursery


SEASON


2016/2017

# L-avventura tagħna fis-Summer Camp tal-AFC Ajax

Kitba ta' **Luke** u **Keene Muscat**

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Lulju 2016 waslet il-ġurnata li kien ilna tant nistennew. Kienet il-ġurnata li fiha flimkien mal-Head coach Alex Delia, il-Coach Stephen Borg, il-ġenituri tagħna u disat itfal oħra mill-Mellieħa SC Nursery, morna Amsterdam, l-Olanda biex nagħmlu ħamest ijiem training fil-Kumpless tat-Training de Toekomst tal-klabb famuż tal-futbol, AFC Ajax. Minn barra aħna, min-Nursery tal-Mellieħa SC ġew għall-kamp Nicholai, Daniel, Ryan, Zach, Luke, Mark, Miguel, Jack u Mathias.



Malli wasalna, dakinhar stess wara nofsinhar morna nfittxu t-training grounds fejn konna se nilagħbu. Il-lukanda kienet f'post kwiet, imdawwar b'għadajjar, siġar u għasafar u qrib l-istazzjon tal-metro. Aħna u sejrin lejn it-training grounds għaddejna għall-ewwel darba minn ħdejn l-Amsterdam ArenA. Dħalna f'ħanut tal-isport, li fuq il-ħġieġa ta' barra kellu l-armi tal-aqwa klabbs Ewropej bħal Barcelona, Chelsea, Juventus, Bayern Munich u l-AFC Ajax. Żorna wkoll il-ħanut uffiċjali tal-AFC Ajax minn fejn 'il quddiem, kulħadd xtara xi ħaġa bħala rikordju tal-kamp. Imbagħad lgħabna street soccer, fi pjazza mnejn ma jgħaddux karozzi u tgħidx kemm dħakna.





Biex wasalna l-kumpless tat-training tal-AFC Ajax domna ftit. Kien hemm madwar nofs siegħa mixi mil-lukanda. Biss, hekk kif wasalna, ħadna gost ħafna għax ħallewna nidħlu fuq grawnd tal-ħaxix ta' veru u rajna l-kumpless kollu de Toekomst minn barra. Il-kumpless fih 9 pitches fejn isir it-training, fosthom wieħed kbir ħafna indoor, li jsejħulu miCoach Centre. Tul il-ħamest ijiem ta' training lgħabna f'uħud minn dawn il-grawnds u barra minn hekk ħaduna wkoll f'pitch ħdejn l-Arena, fejn il-klabbs li jkunu se jilagħbu fl-ArenA jagħmlu l-preparamenti tagħhom.







Fl-ewwel ġurnata tat-training, l-organizzaturi tas-Summer Camp qassmuna fi gruppi differenti, kulħadd skont l-età tiegħu. Jien Luke inzertajt ma' Zach. Ħija Keene kien ma' Mark, Luke u Jack. Ryan u Daniel kienu flimkien ukoll. Miguel u Mathias bdew f'żewġ gruppi separati u mbagħad għaqqduhom, u Nicholai kien fi grupp ieħor, għal rasu. Kull grupp kien imsemmi għal plejers famużi li lagħbu mal-AFC Ajax. Hekk aħna l-Melleħin konna fil-gruppi Eriksen, Seedorf, Suàrez, Huntelaar, Bergkamp, u Bazoer. Il-coaches kienu tassew professjonali u tal-aqwa kwalità. Il-coach tiegħi kien jismu Lars Boere u ta' Keene, Rico. Qabel ma bdejna t-training qalulna r-regolamenti tagħhom u kif kellna nġibu ruħna. Pereżempju qalulna li l-flokk irid jinżamm dejjem ġewwa x-xorz u li l-kalzetti riedu jkunu dejjem sal-irkoppa.



F'kull grupp kien hemm tfal minn pajjiżi u klabbs differenti. Fil-grupp tiegħi Eriksen kelli tfal mill-USA, it-Turkija, iċ-Ċina, l-Irlanda, il-Greċja, il-Ġermanja, l-Italja, id-Danimarka u gżira qrib l-Amerika t'isfel, li isimha kien tqil wisq biex niftakru. Keene fil-grupp Seedorf










kellu plejers tal-età tiegħu mill-Kanada, l-Awstrija, l-Awstralja, l-Ingilterra u l-Iskozja, minn klabbs bħal QPR, Celtic u Vancouver Whitecaps FC. It-tifel Kanadiż Simone, li ttrejnja ma' Keene, Mark, Luke u Jack wera ħiliet eċċellenti fil-kontroll u l-logħob bil-ballun tant li ġibed l-attenzjoni tal-iscout Patrick Ladru u l-AFC Ajax se jagħtuh trial magħhom.

Kull ġurnata tat-training konna nibdew b'ball mastering u technique. Imbagħad it-taħriġ kien ivarja minn ġurnata għal oħra. Għoġobni dak li huma jsejħu 'football clinic' fejn ikun hemm attività differenti kull kwarta bħal 1 v 1, 3 v 3, 5 v 5, futbol Belġjan, drible challenge u shooting challenge. Kienu jisħqu magħna li rridu nkunu kapaċi naqilbu malajr minn sitwazzjoni ta' attakk għal waħda ta' difiża u bil-kontra. Fl-attakk jagħfsu fuq il-ħeffa u d-dribling filwaqt li fid-difiża jisħqu fuq il-passing biex toħroġ min-nofs difiż mit-tim tiegħek.

Bħala skills se nibqgħu niftakru żgur kif jipprattikaw il-Veltman change of play, Younes drible, Cruijff turn, Ronaldo chop, Zidane turn u Iniesta pass. Ma' dawn ħarrġuna fis-scissors, stepovers, ball rolling, inside u outside cuts u through balls. Mhux se jitilqu minn moħħna malajr il-kliem 'Speed up' u 'Slow down', li tant smajniehom iħambqulna. Tal-Ajax jemmnu ħafna fil-bdil fl-ispid, id-dribling qrib il-plejer u l-logħob biż-żewġ saqajn, mhux sieq waħda.

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2016 il-coaches tal-AFC Ajax ħaduna naraw l-Amsterdam ArenA, fejn l-AFC Ajax jilagħbu l-logħob home tagħhom u fejn dakinhar stess filgħaxija l-Ajax lagħbu logħba preliminari taċ-Champons League kontra l-PAOK tal-Greċja u ġew draw wieħed b'wieħed. L-Arena nbena bejn l-1993 u l-1996, jesa' 53,000 spettatur u fl-2013 intlagħbet fih il-finali tal-UEFA Europa League bejn Chelsea u Benfica, li Chelsea rebħu 2-1. Rajna l-Press Conference Room, esebizzjoni tal-istorja tal-klabb, dehra tal-grawnd mill-istands u l-control room tad-dwal li jdawlu l-istess stadium.

